# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tal-15 ta' Dicembru 2022**

**Talba nru. 19/2019**

**OZO MALTA LIMITED**
(C-9023)

***VERSUS***

**DR. SAMUEL AZZOPARDI**
(KI 22982G)

B'Avviz tat-Talba ipprezentata fil-5 ta' Frar 2019 (a fol 1 et seq), is-socjeta attrici talbet lill-konvenut sabiex:

> *Jigi kkundannat ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' disgha mija u sitt Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (Eur 906.24) oltre imghax legali, rapprezentanti bilanc dovut fuq servizzi ezegwiti mis-socjeta rikorrenti lil konvenut fuq inkarigu tal-konvenut stess. Illi nonostante interpellat ihallas diversi drabi il-konvenut baqa inadampjenti u ghalhekk kellhom jigu istitwiti dawn il-proceduri. Bl-Ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Il-konvenut Dr. Samuel Azzopardi ressaq risposta fil-25 ta' Frar 2019 (a fol 8) fejn fiha wiegeb:-

> *Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan billi ghalkemm is-socjeta attrici kienet inkarigata mill-esponenti, s-servizzi attwalment rezi ma kienux skond is-sengha u l-arti tant li l-esponenti kellu jinkariga terzi biex inaddaf wara kumpannija li tipprestina servizzi ta' tindif. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta attrici ghandha tipprova b'mod konkret x kienu s-servizzi li qed tallega li wettqet u l-valur taghhom. Salv eccezzjonijiet ohra. Bl-Ispejjez.*

Illi t-Tribunal sejjer jghaddi sabiex jaghmel sintezi tal-provi migbura sabiex jevalwa dak li qed titlob is-socjeta attrici u cioe hlas ghal xoghol li wettqet u l-kontestazzjoni tal-konvenut li qed jallega li x-xogholijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha.

FIs-16 ta' Mejju 2109 gie ipprezentat l-affidavit ta' Wesley Zammit, haddiem mas-socjeta attrici li kien qed jokkupa l-kariga ta' General Manager.

Wesley Zammit spjega l-procedura ta' kif is-socjeta attrici titqabbad taghmel xogholijet ta' tindif wara li tkun rat ix-xoghol li jrid isir u tintbaghat quote ghall-istess xogholijiet. Fil-fatt jghid, "*Wara din is-site visit, OZO tibghat il-quote tal-prezzijiet ghas-servizz partikolari x'ikun ser jinvolvi*." Ix-xhud ikompli jghid illi, *". . .fid-19 ta' Ottubru 2017 konna rcevejna e-mail minghandu illi kien qieghed ilesti post gewwa maisonette ta' Sliema u kkuntattjana sabiex nipprovdulu quote ghall-tindif illi kellu bzonn illi jsir wara illi x-xogholijiet ikunu lesti (Dok. WZ1*)."

Tul dan il-process qabel isir it-tindif, is-socjeta attrici irceviet konferma minghand il-konvenut li setghu imexxu bix-xogholijiet u sar ftehim anke fuq id-dati – Dok. WZ3.

Eventwalment ix-xoghol sar fuq jumejn fil-11 u 12 ta' Dicembru 2017. Ix-xhud kompla jghid illi ". *. . jiena cempilt lis-Sur Azzopardi biex inkellmu dwar hlas hekk kif miftiehem. Niftakar illi ma kienx irrisponda t-telefonati tieghi izda ftit tal-jiem wara baghat email lil kollega tieghi Vukovic fejn allega illi sab hgiega tal-forn imkissra*."

Id-dokumenti pprezenati li jinsabu a fol. 16 sa fol. 21 juru l-korrispondenza bejn is-socjeta attrici u l-konvenut minn meta dan ta' l-ahhar talab quote ghax-xogholijiet (Dok. WZ1) sal-ftehim tad-data biex isiru x-xogholijiet u cioe t-tindif.

Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2019, is-socjeta attrici ipprezentat zewg affidavits u ddikjarat provi maghluqa. Dawn iz-zewg affidavits kienu ta' Zvezdan Vukovic u Abe Eyob Kibrom bhala kordinatur u supervisor rispettivament tas-socjeta attrivi. Ix-xhud Vukovic ipprezenta flimkien ma' l-affidavit tieghu, dokumenti (Fol. 27 sa 30) li juru korrispondenza mal-konvenut.

Ix-xhud Vukovic jghid illi minkejja illi l-ftehim inizzjali kien li fl-ahhar gurnata l-konvenut imur fuq il-post biex ihallas ghat-tindif li sar, dan ma sehhx ghaliex il-konvenut qatt ma pprezenta ruhu. Fil-fatt ix-xhud jghid, " . . . however on the last day Mr. Azzopardi was not present on site to confirm the job or to pay. Not only is this not usual that a customer does not present him/herself at the end of the cleaning job, it was stipulated in the quote that payment was to be done upon job completion."

Jumejn wara li x-xoghol kien sar, il-konvenut baghat email datata 14 ta' Dicembru 2019 fejn allega li l-haddiema tas-socjeta attrici kienet ikkagunat hsara fil-hgiega tal-forn li kien jinsab go kaxxa.

Ix-xhud Abe Eyhob Kibrom, supervisor fi hdan is-socjeta attrici ikkonferma li xogholijiet ta' tindif saru u li ma jaf bl-ebda incident li seta ikkawza xi hsarat. Fl-affidavit tieghu jghid, "*I wish to point out that whilst the cleaning was being done by us during the above mentioned dates, we were*

*not the only personnel who were at the premises. Other workers were there, doing internal final touches like painting etc."*

Fil-15 t'Ottubru 2019, il-konvenut ipprezenta l-affidavit tieghu. Illi minn dan l-affidavit il-punti saljenti huma s-segwenti –

Il-konvenut jghid illi s-socjeta attrici accertatu li kienu kapaci jaghmlu x-xogholijiet rikjesti minnu b'mod professjonali. Huwa jkompli jghid hekk:-

"*L-ewwel gurnata li gew dawn kinsu sew pero ma ghamlux is-sieghat kollha. Fil-fatt meta mort fil-hin miftiehem wara li jkun helsu halli nikkonferma x-xoghol tal-gurnata ma kienux hemm.. . . . Fit-tieni gurnata gew jahslu u lanqas ghamlu s-sighat kollha tant hu hekk li lestew qabel il-hin miftiehem li mmur niltaqa maghhom u cempluli u ma stajtx nohrog mill-ufficcju l-hin li cemplu. Jiena ma mortx niccekja x-xoghol ghax kelli flight skond ticket anness- Dok. SA2. Meta mort il-Hamis 14 ta' Dicembru 2017 hadt qatgha. Minkejja diversi assigurazzjonijiet li ha jnaddfu kollox, it-twieqi baqghu biz-zebgha fuqhom (Dok. SA3). Insib il-pum tas-shower nieqes ukoll*".

Il-konvenut ipprezenta ritratti Dok. SA4 u Dok. SA1v ( a fol. 40 u 42 et seq) sabiex jissostanzja ix-xhieda tieghu.

Minbarra ix-xoghol hazin, il-konvenut jghid illi kellu jidhol fi spejjez zejda minhabba n-nuqqasijiet tas-socjeta attrici izda minkejja dan "*finalment ikkonkludejt li ahjar nirribatti dan l-ammont pretiz minnhom li mhux dovut milli nispicca quddiem il-Qrati Sede Inferjuri nikkumbatti*."

Matul il-kontro ezami ta' Abe Eyhob Kibrom, li sar matul is-seduta ta' 1 t' Ottubru 2020, ix-xhud meta mistoqsi x gara wara li lestew it-tindif u cemplu lill-konvenut, dan wiegeb "*He was not there and he told us to close the door and to go out.*" Ix-xhud jerga jikkonferma illi waqt li kienu qed jaghmlu x-xogholijiet kien hemm haddiema ohra li kienu qed jaghmlu xogholijiet ohra. (Fol. 62).

Matul il-kontro ezami tal-konvenut li sehh fis-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2022, il-konvenut jikkonferma li fit-tieni jum li kellu jsir it-tindif huwa kien mar sabiex jiftah lill-istess haddiema. Il-konvenut jghid ukoll illi huwa kien ressaq ilmenti fuq il-mod kif sar it-tindif "*jigifieri fir-rigward taz-zebgha u ta' l-affarijiet li annettejt ir-ritratti taghhom, iva. Imma jiena dakinhar ghax kien ifisser li l-forn ma nistax nidhol: that was the primary concern*".

Mill-kontro ezami tal-konvenut johrog iktar car illi l-konvenut kien inkwietat ghar-rigward tal-hgiega tal-forn. Huwa jghid, "*Ara dik l-ewwel haga li semmejt fl-14 ta' Dicembru mill-ewwel fuqha, u r-raguni kien ifisser ghax ha nittardja, u ha nittardja ghaliex kien il-bidu tal-Milied. . . .*"

Ghar-rigward tax-xogholijiet li saru mis-socjeta attrici, l-konvenut jghid illi "*bazikament uzaw materjal corrosive hafna mal-Maltese pattern tiles illi bazikament kull fejn hemm abjad gie griz, kwazi iswed. Hallew iz-zebgha mat-twieqi.. . . Pero fejn kien tajjeb ghidtilom li kien tajjeb jigifieri ezempju l-knis l-ewwel gurnata ma kienx kontestat*."

Il-konvenut jikkonferma illi kien hemm haddiem iehor li kien qed jaghmel xogholijiet ta' zebgha fuq il-faccata.  Ghar-rigward tal-forn huwa jghid li dan kien go kaxxa tal-kartun fil-kamra tas-sodda.

Matul il-kontro ezami il-konvenut jikkonferma illi s-socjeta attrici kienet offrietlu sabiex jissuplixxu replacement glass ghall-forn li l-konvenut sab imkisser.  Fil-fatt il-konvenut fil-25 ta' Jannar 2018 (a fol 37 u 38) kien informa lis-socjeta attrici li l-hgiega tal-forn kienet waslet u dan wara diversi e-mails li s-socjeta attrici baghtet sabiex tikkonkludi din il-pendenza.

Il-konvenut ikkonferma a fol. 80, meta mistoqsi "*li l-ammont tal-hgiega tar-replacement glass qatt ma gie indikat lilom minnek? Le, hawnhekk waqqfet il-korrispondenza jigifieri wara l-25 ta' Jannar ma bqajtx.*"

It-Tribunal fis-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2022 halla din il-kawza sabiex issir it-trattazzjoni finali tal-partijiet li eventwalment saret fid-19 t'Ottubru 2022 min-naha tas-socjeta attrici stante illi fl-imsemmija udjenza l-konvenut u r-rapprezenanti legali tieghu ma deherux.

It-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda imressqa flimkien mad-dokumenti ipprezentati.

Ra l-atti processwali kollha;

Sema t-trattazzjoni tas-socjeta attrici fis-seduta tad-19 t'Ottubru 2022, stante li l-konvenut naqas milli jattendi ghall-udjenza mhollija ghat-trattazzjoni;

It-Tribunal ikkunsidra:-

Illi s-socjeta attrici qed titlob hlas ta' Eur 906.24 ghal xoghol ta' tindif li ghamlet kif imqabbda mill-konvenut wara diversi korrispondenza u konferma min-naha tal-konvenut stess.  Jigi rilevat illi l-konvenut fir-risposta tieghu jibbaza n-nuqqas ta' hlas fuq "*servizzi attwalment rezi ma kienux skond is-sengha u l-arti tant li l-esponenti kellu jinkariga terzi biex inaddaf wara kumpannija li tipprestina servizzi ta' tindif.*"

Illi fir-risposta ipprezentata imkien ma jissemma illi kien hemm xi hsarat fil-hgiega tal-forn ikkagunata mis-socjeta attrici jew delagati taghha u lanqas giet ipprezentata xi ircevuta li turi l-hlas ghal tali allegat hsarat.  L-istess jinghad ghal kull referenza illi l-konvenut isemmi meta jghid illi kellu jidhol fi spejjez ulterjuri minhabba n-nuqqassijiet tas-socjeta attrici. It-Tribunal qed jifhem illi l-konvenut bhal qisu jrid jissalda l-ammont dovut ma spejjez li kellu jinkorri hu minhabba nuqqasijiet jew traskuragni min-naha tas-socjeta attrici.  Izda tul il-proceduri l-konvenut naqas milli jipprezenta jew jaghti dawl fuq l-ammonti ta' spejjez li dahal fihom.  Ghaldaqstant it-Tribunal huwa kostrett jiffoka biss fuq l-ammont pretiz mis-socjeta attrici u jekk ix-xogholjiet sarux skond l-arti u s-sengha.

Illi fi kliem il-konvenut, ix-xogholjiet li saru mill-haddiema tas-socjeta attrici fl-ewwel gurnata u cioe il-knis u tnehhija ta' affarijiet saru sewwa u a sodisfazzjon ta' l-istess konvenut. Ghar-rigward tax-xogholijiet li saru fit-tieni gurnata u cioe l-hasil tal-fond in kwistjoni ma kienux a sodisfazzjoni tal-konvenut u sahansitra gewipprezentati ritratti sabiex juru certu nuqqasijiet. Izda anke hawnhekk, minkejja li l-konvenut jghid illi huwa kellu jqabbad lil terzi sabiex jaghmlu x-xoghol ta' tindif sewwa, qatt ma gie ipprezentat xejn u cioe xi fattura jew prova ta' hlas li ghamel il-konvenut b'rizultat tan-nuqqasijiet tas-socjeta attrici. Ghaldaqstant minkejja r-ritratti ipprezentati, t-Tribunal mhux tal-fehma illi dawn huma bazi bizzejjed biex il-konvenut ma jhallasx jew ihallas inqas minn dak dovut, anke fid-dawl illi l-istess konvenut kien sodisfatt bix-xoghol li sar fl-ewwel gurnata.

Meta l-konvenut dahal fil-fond fil-post wara jumejn li sar it-tindif, l-akbar ugiegh ta' ras ghalih kien il-hgiega tal-forn u b'mod immedjat ressaq ilment lis-socjeta attrici fuq din il-hsara.

Illi fid-dawl tal-provi imressqa matul din il-kawza, t-Tribunal huwa tal-fehma illi ma hemm l-ebda dubju illi x-xogholijiet mwettqa mis-socjeta attrici saru wara qbil kemm fuq granet kif ukoll fuq prezz. Ix-xogholijet saru fuq jumejn u kif miftiehem mal-konvenut. Il-kontestazzjonijiet tal-konvenut ghalkemm varji (hsara fil-hgiega tal-forn, xoghol mhux skond is-sengha, xoghol li sar f'hin iqsar minn kif miftiehem) ma jwasslux sabiex il-konvenut, wara li nqeda mis-servizzi tas-socjeta attrici, ma jhallasx dak dovut minnu. Huwa gust u ragonevoli li s-socjeta attrici tithallas.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa attrici u konsegwentamet jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disgha mija u sitt Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (Eur 906.24), bl-imghax kummercjali fuq dan l-ammont dekoribbli mil-5 ta' Frar 2019 li jibqa ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri ghandom ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur